MT

TEATRU MALTA

Każin Sittin+

ĠAMBORÌ

SEJĦA GĦALL-PERSUNI
IKBAR FL-ETÀ INTERESSATI LI
JIKSBU ĦILIET TEATRALI

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI

REGION OF CULTURE 2024

Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità
Active Ageing & Community Care

KUNSILL REĠJONALI LVANT

DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

teatrumalta.org.mt



Ġamborì, 2023

Qatt xtaqt titgħallem dwar it-teatru u id-dinja tagħha? Issa għandek iċ-ċans.

## X'inhu Każin 60+?

Każin 60+ huwa proġett divertenti, kreattiv u mmexxi mir-riżultati tat-tagħlim, ibbażat fuq id-dinja tat-teatru. F'ambjent ta' grupp, sitt (6) prattikanti tat-teatru u atturi se jmexxu sitt (6) gruppi, li jinsabu f'reġjuni differenti madwar Malta, lejn il-kisba ta' esperjenzi teatrali ġodda. Se jiġu wkoll mistiedna xi tuturi għal uħud mis-sessjonijiet bl-għan li jaqsmu l-għarfien espert tagħhom fil-qasam tal-Arti u tal-Ispettaklu.

Dan il-proġett se jkun divertenti – mimli b'logħob tat-teatru, improvizzazzjonijiet, moviment, kant, qari u tagħlim possibbli ta' xeni u testi żgħar. Dan l-ispazju kreattiv se jinqasam u se jitgawda minn persuni tal-istess fehma li ġejjin minn oqsma differenti tal-ħajja, filwaqt li jagħtihom l-opportunità jiżviluppaw il-ħbiberiji ġodda.

Minn sessjoni għal oħra, il-grupp il-ġdid ta' atturi se jikseb kemm esperjenza kif ukoll kunfidenza, li tista' tgħin meta wieħed ikun fuq il-palk jew ikun qed jagħmel diskors iżda wkoll fil-ħajja ta' kuljum tiegħu. Il-parteċipanti jkunu jistgħu jitgħallmu l-ħila tat-teatru iżda wkoll jaħdmu wara l-kwinti jekk jippreferu hekk.

Bħala vantaġġ ieħor, ir-riċerka dwar il-benesseri turi li l-kreattività, it-tagħlim ta' ħiliet ġodda u t-teħid ta' sfidi ġodda fis-snin aktar avvanzati jsarrfu f'sitwazzjoni ta' benefiċċju ġenerali, u din ġiet ipprovata li għandha benefiċċji fuq livell fiżiku u psikoloġiku.

## Lil min qed infittxu?

Qed infittxu individwi biex jinaqdu ma' Każin 60+, fir-reġjuni differenti, fejn se jintgħażlu massimu ta' 25 persuna minn kull żona. Int tikkwalifika jekk:

- Tieħdu gost tkun parti minn grupp.
- Daħka tinżillek għasel.
- Ma tibżgħax tipprova affarijiet ġodda.
- Lest li taħdem bħala parti minn tim.
- Tħossok komdu tiċċaqlaq skont il-koreografija li tingħata u anke jekk spirtu pront.
- Jekk forsi tista' tkanta jew iddoqq xi instrument (imma mhux neċessarjament).

↓ **Ġambori, 2023**



## Programm tal-Kors

Il kors se jsir minn **Marzu sa Diċembru 2024** b'vaganzi matul il-festi pubbliċi, l-okkażjonijiet festivi, u b'waqfa matul is-sajf.

Bidu ta' Marzu
isiru l-awdizzjonijiet biex jitqassmu il-gruppijiet

f'Marzu u f'April
niltaqgħu kull ġimagħtejn

f'Mejju u f'Ġunju
laqgħa darba f'ġimgħa

bidu ta' Lulju sa nofs Settembru
VAGANZI

min-nofs Settembru sal-bidu ta' Diċembru
minimu ta' darba f'ġimgħa, iżda jaf tiġu mgħajta aktar minn darba f'ġimgħa, skont il-progress tal-provi

2 ta' Diċembru – 8 ta' Diċembru
Il-ġimgħa tal-produzzjoni li tinkludi rappreżentazzjonijiet fi tmiem il-ġimgħa

## Kif għandek tapplika:

Ibgħatilna email fuq **contact@teatrumalta.org.mt**, u jekk jogħġbok għidilna:

- Nixtiquk tgħidilna għalfejn trid tingħaqad ma' Każin 60+.
- Għidilna jekk tafx tkanta, jekk qatt dhert fuq palk qabel, jew jekk tafx iddoqq strument.
- Xi informazzjoni oħra li tixtieq taqsam magħna?

Biex tapplika ibgħatilna email fuq **contact@teatrumalta.org.mt** jew tista ukol ċċempel liċ-Ċentru Servizz Anzjan fuq **2278 8651/2**.

Għall-awdizzjoni, ġib miegħek test li tħossok komdu bih jew ikkuntattjana fuq **9906 3089** biex nibagħtulek biċċa għall-qari kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Inti se tiġi mitlub timla formola bid-dettalji tiegħek.

*Inti ġentilment informat li din l-informazzjoni kollha se tinżamm skont il-liġi tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (UE_2016/679).*

**Data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet:**
24 ta' Marzu 2024, f'nofsinhar.

## Riżultati tal-applikazzjoni:

L-applikanti magħżula se jiġu kkuntattjati għal awdizzjoni.



Ġamborì, 2023